MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 374/2005/1

**Angelo Cauchi (Karta tal-Identità bin-Numru 3129G) u Mario Cauchi ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Carmelo Grima**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-28 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti*,**

*Rat l-Avviz ipprezentat mill-atturi permezz ta' liema jitolbu li l-konvenut jigi ikkundannat jizgombra minn raba' tal-kejl ta' cirka zewgt itmiem maghruf bhala "Taz-Zokrija" fil-limiti tal-Mosta u dana billi l-istess konvenut qed jokkupa r-raba' imsemmi minghajr titolu validu fil-Ligi; bl-ispejjez kontra l-*

*konvenut. In kwantu l-valur lokatizju tar-raba' gie dikjarat li hu Lm7.30 fis-sena;*

*Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) fl-ewwel lok sa' fejn il-kawza hija f'isem Mario Cauchi huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-imsemmi Mario Cauchi ma ghandu ebda interess guridiku; (ii) huwa ilu 43 sena jokkupa r-raba' mertu tal-kontestazzjoni u ghalhekk huwa guridikament impossibbli li jinghad li qieghed jokkupaha minghajr ebda titolu kwalunkwe u ghalhekk l-Avviz jippekka billi ma jikkontjeni ebda talba fis-sens prevja li jigi dikjarat li kwalunkwe titolu li talvolta huwa seta' kellu jigi dikjarat risolt; (iii) din il-Qorti ma hijiex kompetenti ratione materiae peress illi huwa ghandu titolu ta' qbiela u allura l-mertu tal-kawza huwa riservat ghat-tribunal kompetenti; u li (iv) fil-mertu huwa ghandu titolu ta' qbiela veru u proprju;*

*Semghet ix-xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduti tat-2 ta' Marzu 2006, tas-7 ta' Marzu 2006 u tal-24 ta' Jannar 2007 u rat is-sentenza fl-ismijiet "Carmelo Grima vs Anglu Cauchi et" Citaz. Nru. 942/03 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar 2005, esebita mill-konvenut u markata Dok. "CG" a fol. 10 sa 14 tal-process u l-ittra datata 16 ta' Mejju 2006 mahruga mid-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjetà esebita mill-konvenut a fol.77 tal-process; rat l-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet "Carmelo Grima vs Anglu Cauchi et" Citaz. Nru. 942/03 allegati ma' dawn l-atti processwali a fol. 15 tal-process; semghet ix-xhieda ta' Doris Grima waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2006, ix-xhieda ta' Emanuel Galea waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 20065, ix-xhieda ta' Charles Cutajar waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2006, ix-xhieda ta' Gino Borg waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2006 u x-xhieda ta' Mario Cauchi waqt is-seduti tat-13 ta' Novembru 2006 u tal-31 ta' Mejju 2007; rat id-dokumenti, ossia ricevuti mahruga mill-Kuria u mill-Ufficcju Kongunt, esebiti mill-attur a fol. 38 sa 59 tal-process u rat l-affidavit tal-attur esebit a fol. 60 sa 62 tal-process, rat ix-xhieda in kontro-ezami tal-attur Angelo Cauchi waqt is-seduta mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju l-Avukat Dottor Daniela Mangion fis-26 ta'*

*Frar 2009; semghet ix-xhieda tar-Reverendu Guzepp Zammit waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2006 u rat id-dokumenti minnu esebiti markati Dok. "GZ1" u Dok. "GZ2" a fol. 66 u 67 tal-process, u semghet ix-xhieda ta' Alfred Muscat waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2006;*

*Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet kontendenti waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar 2007 li x-xhieda kollha moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Grima vs Anglu Cauchi et" Citaz. Nru. 942/03 ghandha taghmel stat ghall-fini ta' din il-kawza;*

*Rat in-Noti tas-Sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti u rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;*

***Ikkunsidrat:***

*Bl-azzjoni odjerna l-atturi jitolbu l-izgumbrament tal-konvenut minn raba' tal-kejl ta' cirka zewgt itmiem maghruf bhala "Taz-Zokrija" fil-limiti tal-Mosta, billi huwa qed jokkupaha bla ebda titolu validu fil-Ligi. In risposta ghat-talba attrici l-konvenut jeccepixxi: (a) in-nuqqas ta' interess guridiku tal-attur Mario Cauchi; (b) in-nuqqas fl-Avviz promotur billi dan ma jikkontejnix talba ghad-dikjarazzjoni li kwalunkwe titolu li l-konvenut seta' kellu fuq ir-raba' in kwistjoni gie risolt; (c) in-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ta' din il-Qorti stante li huwa ghandu titolu ta' qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni; u fil-mertu li (d) huwa ghandu titolu validu ta' qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni u ghalhekk ma jistax jigi ordnat l-izgumbrament tieghu minnha.*

*Ma hemmx dubju li l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi risolta hija dik sollevata mill-konvenut fit-tielet eccezzjoni tieghu ossia, l-inkompetenza ratione materiae ta' din il-Qorti billi jikkontendi li ghandu titolu validu ta' qbiela fuq iz-zewgt itmiem raba' mertu tal-kontestazzjoni.*

*Huwa principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika nostrali li ghall-ezami tal-kwestjoni jekk il-konvenut ghandux titolu jew le l-kompetenza tispetta lill-Qorti ordinarja (Kollez. Vol. XXXIII PI p811). Jekk imbaghad din il-Qorti fuq il-fatti akkwiziti issib li l-konvenut ghandu titolu*

*u li dan huwa wiehed ta' lokazzjoni jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari u tal-Ligi applikabbli jekk dik l-istess Qorti ghandhiex tissokta bil-gurisdizzjoni taghha jew tiddikjara l-inkompetenza taghha in kwantu l-materja, fil-parametri dejjem tal-ligi partikolari, tkun tesorbita mill-isfera tal-gurisdizzjoni taghha. Jitnissel mill-konsiderazzjoni appena esposta illi mhux bilfors, una volta jigi determinat li jezisti titolu ta' kera, allura l-qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja titlef il-kompetenza taghha. Jidher difatti li huwa pacifiku illi "jekk ghad-determinazzjoni tal-kwestjoni quddiem qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja jkun mehtieg illi qabel xejn tinghata twegiba ghall-kwestjoni incidentali jekk il-konvenut huwiex kerrej jew le, il-qorti ghandha wkoll is-setgha li taqta' dik il-kwestjoni incidentali" – "***Peter Sammut Briffa et vs Maria Dolores Zammit et***", Appell, Sede Inferjuri, 17 ta' Ottubru 2002, "***Joseph Gauci vs Catherine Kerkoub***", Appell, Sede Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2003. Hekk, ad exemplum, il-Qorti ordinarja hi fakoltizzata wkoll li tinvestiga u tiddirimi l-punt jekk il-konvenut huwiex verament "kerrej" entro id-definizzjoni tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 meta tinsorgi kontestazzjoni tat-titolu ghall-lokazzjoni wara l-mewt tal-inkwilin originarju. Hekk ukoll fil-limiti tal-kompetenza taghha qorti inferjuri hi hielsa li tissindika l-validità ta' kuntratt ta' kera biex tara jekk kirja li tkun saret minn min kellu titolu rizolubbli, inghatatx taht il- "kondizzjonijiet gusti" li jsemmi l-Artikolu 1530, Kodici Civili, jew biex tara jekk jikkonkorrux ragunijiet ta' vjolazzjoni tal-kijra li jiggustifikaw ir-rizoluzzjoni taghha; analogu ghal dan l-aspett hu l-kaz fejn il-kwestjoni incidentali tqum quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Dan ghaliex anke quddiemu dan it-tribunal specjali tista' tqum materja li tinvolvi epurar ta' punt ta' dritt anke jekk it-talba tkun wahda fejn il-meritu jkun ghar-ripreza mis-sid tal-pussess tal-fond. Hekk, ad ezempju, is-simulazzjoni ta' kuntratt fejn il-kawzali kienet dik ta' sullokazzjoni (***Kollez. Vol. XLVI PI p171***) jew fejn tinsorgi kwestjoni dwar lil min, fost diversi intimati, jappartjeni d-dritt ta' inkwilinat f'kawza ghar-ripresa minhabba bzonn (***Kollez. Vol. XXXVI PI p168***). B'mod partikolari jista' jissemma' l-kaz fejn kerrej adixxa l-Bord ghall-fissazzjoni tal-kera xieraq u tal-kondizzjonijiet l-ohra*

*tal-kera fit-termini tal-Artikolu 12(2) tal-Kapitolu 158 u qamet il-kwestjoni dwar l-ezistenza tal-lokazzjoni (**"Remig Farrugia vs Vincent Curmi noe", Appell, 8 ta' Lulju 1981**) – naturalment dan il-principju japplika anke f'kaz fejn it-titolu li jkun qed jigi vantat ikun wiehed ta' qbiela fuq raba' jew fond rurali.*

*Minn dan il-principju guridiku jirrizulta ghalhekk illi ddeterminazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk il-konvenut effettivament ghandux o meno titolu ta' qbiela fuq iz-zewgt itmiem raba' mertu tal-kontestazzjoni, tispetta lil din il-Qorti u huwa biss f'kaz li tali titolu ta' qbiela kellu jirrizulta li l-Qorti tista' imbaghad ma tibqax iktar kompetenti biex tiddeciedi l-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti.*

*Stabbilit dan il-punt jehtieg issa jigi determinat jekk mill-provi prodotti jirrizultax li il-konvenut ghandu titolu ta' qbiela fuq iz-zewgt itmiem raba' mertu tal-kontestazzjoni kif minnu pretiz.*

*Il-konvenut ighid illi jiena ghandi f'idejja zewgt (2) itmiem ta' ghalqa maghrufa bhala taz-Zokrija, fil-limiti tal-Mosta. Ili fil-pussess ta' din l-ghalqa mill-1962. Dak iz-zmien kien sabni l-attur Anglu Cauchi u kien qalli illi kien jaf lil xi hadd li kellu bicctejn raba' illi ghalih kienu wisq, u offra li naqsmuhom. Il-persuna l-ohra kienet Felic Micallef, li kellu r-raba' qabel. Felic kien fir-raba' bi qbiela u jhallas il-qbiela lill-Kurja, li kienet il-proprjetarja tal-art. Ghalhekk jiena u l-attur Anglu Cauchi morna fl-ufficini tal-Kattidral ta' San Gwann sabiex l-artijiet jigu registrati f'idejna. Il-Qassis illi kien fl-ufficcju, li minghalija kien jismu Dun Guzepp, qalilna liema porzjonijiet kienu ser jigu allokati lil min. Izda l-attur qallu illi din ma kinetx importanti peress illi stajna nirrangaw bejnietna u fil-fatt hekk ghamilna. Morna fuq il-post, tellajna x-xorti u l-attur ghazel porzjon, imbaghad jiena hadt l-iehor. Kien l-istess missier il-mara tal-attur Leli Cauchi illi ghamlilna x-xorti. Ix-xorti tellajniha bil-munita u uzajna sold. Ghal dak illi hija qbiela jiena kont inhallas zewg liri Maltin u hames xelini u kont ntihom lil Anglu Cauchi, lill-attur, peress illi l-qbiela flimkien kienet erba' liri u nofs (Lm4.50). Kienet il-mara tieghi illi thallas il-flus. Ghall-ewwel kont inhallas jien, imbaghad kompliet il-mara.*

*Ircevuti la qatt tlabt u lanqas ircevejt. Sa' fejn naf jien il-Kurja kienet tohrog ircevuta biss fuq isem l-attur, izda dan qatt ma urieni ricevuti illi kien jircievi mill-Kurja.*

*Flimkien mal-atti ta' din il-kawza gew allegati l-atti ta' kawza ta' spoll illi l-konvenut odjern kien istitwixxa kontra l-atturi Angelo Cauchi u Mario Cauchi- Citaz. Nru. 942/0315, u f'dawk il-proceduri l-konvenut xehed illi jiena ili nahdem bi qbiela raba' fl-inhawi tal-Mosta maghrufa bhala taz-Zokrija ghal dawn l-ahhar 42 sena. Fil-fatt l-ewwel ricevuta li giet rilaxxjata lili kienet fil-15 ta' Awwissu 1962 minn Felic Micallef, illum mejjet. F'dik ir-ricevuta Felic Micallef kien bi zball indikani bhala Carmelo Zarb flok Carmelo Grima. Felic Micallef kien minn naha tieghu jikri mill-Kurja. Kien il-konvenut Anglu Cauchi li kien hajjarni biex nidhol ghal parti minn din il-qbiela. Illum is-sitwazzjoni hi li Anglu Cauchi jhallas lil Joint Office u jiena inhallas lilu ghas-sehem tieghi, l-ammont ta' Lm2.25 li jirrapprezentaw nofs l-ammont tal-hlas kollu fil-Kurja. Dan l-ammont anke jirrizulta mir-ricevuta li kontestwalment mal-prezenti qieghed nipprezenta permezz ta' nota.*

*Waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2006 f'dawn il-proceduri l-konvenut kompla jghid qed nigi muri l-ircevuta li kien hareg Felic Micallef a fol. 20 tal-process l-antik. Fl-ircevuta hemm imsemmi Carmelo Zarb. Dan kien zball ta' Felic stess, meta kunjomi indikah bhala Zarb bi zball. Kien Felic stess illi gabli l-ircevuta. Felic kien jikri minghand il-Knisja. Kien Anglu Cauchi stess, l-attur, illi ntroducini ma' Felic. Bhal ma ghidt fix-xhieda tieghi, jiena ilni nokkupa din l-art mill-1962 u ghamiltilha hafna benefikati. Maz-zmien dahhalt aktar minn hamsin (50) vjagg hamrija u bnejt kamra go fiha. Ghalhekk l-unika kamra li hemm fl-ghalqa bnejtha jien, xi hmistax (15) jew ghoxrin (20) sena ilu. Biex dahhalt dawn il-vjaggi ghaddejt fuq l-ghalqa ta' Manwel Galea, illi ghandu ghalqa ma' genb tieghi. Meta kont qed naghmel dawn il-benefikati, hadd mill-atturi ma waqqafni.*

*L-ucuh illi kont niehu mill-ghalqa kont inzommhom ghalija personali. Lill-attur qatt ma tajtu xejn. Kont inhallas zewg liri u twenty five cents (Lm2.25) qbiela fis-sena. Kont intihom lil mara tal-attur fi flus kontanti. Il-bicca l-kbira*

*kienet tkun il-mara tieghi illi tmur bil-hlas. L-attur baqa' jaccetta l-qbiela sal-ahhar sena qabel ma nfethet il-kawza u kienet il-mara tieghi illi marret bil-flus ghandu, li ghaddiethom lil mara tal-attur.*

*L-attur Angelo Cauchi jichad li l-konvenut ghandu titolu ta' qbiela fuq ir-raba' in kontestazzjoni u jichad ukoll li qatt accetta xi hlas minghandu ghal din l-istess raba'. Fl-affidavit tieghu huwa jghid jiena ghandi mqabbel ghandi raba' maghrufa bhala ta' Zokrija li jinsab fil-limiti tal-Mosta. Illi sid dana r-raba' huwa l-Ufficcju Kongunt u jiena llum inhallas qbiela ammontanti ghal hames liri Maltin fis-sena kull nhar Sta. Marija. Illi fis-snin li ghaddew il-qbiela jiena kont inhallasha lil Kon Katidral ta' San Gwann il-Belt Valletta u kont inhallas lil certu Dun Guzepp Zammit is-somma ta' erbatax-il xelin. Illi dan il-qbiela ilu ghandi sa mis-sena 1966 u mhux minnu li l-konvenut kien b'xi mod involut meta gie koncess l-ewwel darba l-qbiela lili. Illi nichad ukoll li qatt kien hemm xi ftehim bejni u bejn il-konvenut fis-sens illi l-qbiela kellu jsejjah kollu lili u jiena kelli nircievi flus minghand il-konvenut. Nispjega illi jiena flus minghand il-konvenut qatt u qatt ma hadt, la minghandu u anqas minghand martu. Illi li kien qed jigri kien illi jiena u l-konvenut noqghodu hdejn xulxin u konna hbieb kbar. Jiena kont nitlob lill-konvenut li jghini jahdem ir-raba'. Qatt ma' ghidtlu xejn anzi dejjem, hallejtu jahdimli r-raba' u jien kont ukoll nahdem l-istess mieghu. Jiena dejjem ghamilta cara li minn ghandu ma ridt xejn, anqas prodott. Dak li kien isir kien isir biss peress li kif ghidt anha konna hbieb kbar. … Illi jiena smajt lill-konvenut jixhed fejn dan qal li kien igibli l-flus tal-qbiela. Jiena assolutament ma naqbilx ma' dan anzi kif gia ghidt flus ma hadt qatt minghandu. Mhux biss izda nistghageb kif li kieku veru hallas il-konvenut dejjem qat kwiet bla ricevuta! Il-konvenut ghandu raba' iehor f'Ghawdex u jaf sewwa kif imorru l-affarijiet. Illi ghalhekk jiena ninsisti li l-konvenut ma ghandu ebda titolu fir-raba' u l-istess ghandu jinghata lura lili.*

*In sostenn ta' dak minnu dikjarat l-attur Angelo Cauchi esebixxa serie ta' ricevuti ghall-perijodu bejn 1966 u l-*

*2005 mahruga l-ewwel mill-Kurija u in segwitu mill-Ufficcju Kongunt ghall-hlas ta' qbiela fuq l-art Taz-Zokrija.*

*Huwa principju kostanti fis-sistema guridika nostrali li sabiex il-kuntratt ta' qbiela jsehh, mhuwiex necessarju xi skrittura formali – jew xi kuntratt. Dan il-kuntratt ta' qbiela jista' jsir bil-fomm u ghandu elementi semplicissimi u cioè (1) tgawdija tar-raba'; (2) hlas ghal din it-tgawdija li tista' ssir permezz ta' flus kif ukoll prodott tar-raba', anke bhejjem. Dawn iz-zewg elementi tal-pussess u tal-hlas ta' korrispettiv ma humiex alternattivi ghal xulxin u sabiex jinholoq titolu ta' qbiela entrambe l-elementi jridu jissussistu flimkien. Il-pussess wahdu, anke jekk ezercitat ghal numru konsiderevoli ta' snin, ma jista' qatt jaghti lok ghal titolu ta' qbiela jekk l-istess ma jkunx akkompanjat bil-las ta' korrispettiv ghall-istess.*

*Fis-sentenza* ***Francesco Cilia et v. Emanuele Borg et, Avviz Nru. 1218/98*** *deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Mejju 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-26 ta' April 2002, inghad illi mhux bizzejjed li wiehed jixhed li ghal numru ta' snin kien qabad jahdem ir-raba' u kwindi kellu titlu fuq ir-raba'.* ***Kien jispetta lill-konvenuti li jgibu l-prova tal-hlas. Kien fl-interess suprem taghhom li jesigu li tinghata lilhom ricevuta bhala rikonoxximent min-naha tas-sid u aktar meta allegatament kollox kien isir bil-fomm u bla kitba kwalsiasi****.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Francis Farrugia v. Robert Farrugia et, Citaz. Nru. 613/99*** *deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju 2004, rega' gie imtenni l-principju li l-pussess tar-raba' huwa biss wiehed mill-elementi kostituttivi tat-titolu ta' qbiela, izda l-pussess wahdu ma jsarrafx dak it-titolu … Illi l-fatt li bniedem kien jahdem ir-raba' ma jaghtihx jedd awtomatiku ta' titolu ta' qbiela u lanqas ma juri b'daqshekk biss li dak il-jedd jinsab maghruf mis-sid. Hija r-rieda tal-ligi wkoll li kiri ta' raba' ghal zmien ta' aktar minn erba' snin ghandu jsir b'kitba taht piena ta' nullità. Dan jinghad ghalkemm gie wkoll ritenut li l-kuntratt ta' qbiela ma jehtiegx xi formalità rigida ghall-holqien tieghu u ghandu 'elementi*

*semplicissimi'. Ghaliex kif inghad il-ligi taghraf titoli ohrajn minbarra l-qbiela li bihom wiehed izomm f'idejh u/jew jahdem raba' li mhux tieghu. Fost dawn hemm il-kommodat u wkoll il-prekarju, li jixbah lil ta' l-ewwel imma fil-kaz tal-prekarju ma jissemmiex iz-zmien li l-haga tkun qieghda tigi mghoddija lill-pussessur u b'hekk is-sid jista' jitlobha lura x'hin irid.* ***Il-qbiela ma tistax tkun minghajr konsiderazzjoni u jrid jintwera l-hlas ta' korrispettiv lis-sid****.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Taipan International Limited v. Angelo Agius, Appell Civili Nru. 791/00*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Ottubru 2008 inghad illi* ***ghall-ezistenza tas-sullokazzjoni d-determinazzjoni tal-korrispettiv jew ta' l-affitt huwa element essenzjali tal-kuntratt li minghajru guridikament ma jezistix****. Dan hu bilwisq evidenti mid-definizzjoni li l-Kodici Civili jaghti lill-kuntratt tal-kiri fl-Artikolu 1526(1) ma' liema s'intendi hu abbinat l-Artikolu 1613 … Jekk, allura, "****meta l-korrispettiv ma jkunx jikkonsisti fi flus, fi kwantità ta' derrati jew ta' sehem tal-frottijiet li l-haga tipproduci ma hemmx lokazzjoni****".*

*Fil-kaz in ezami l-konvenut jishaq li apparte l-pussess taz zewgt itmiem raba' in kontestazzjoni, ezercitat skond hu sa' mill-1962, huwa jhallas qbiela ta' Lm2.25 fis-sena lill-attur Angelo Cauchi, ghand min tinsab imqabbla r-raba' "Taz-Zokrija" mill-Ufficcju Kongunt u originarjament mill-Kurja.*

*Ghad illi l-Qorti ma ghandhiex dubju li z-zewgt itmiem raba' in kontestazzjoni jinsabu fil-pussess tal-konvenut u ilhom hekk fil-pussess tieghu ghal numru konsiderevoli ta' snin, fil-fehma taghha però mill-provi prodotti ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li l-konvenut ghandu titolu ta' qbiela fuq ir-raba' in kontestazzjoni kif minnu pretiz.*

*Ibda biex jinghad illi l-konvenut ma pprezenta ebda ricevuta mahruga mill-attur Angelo Cauchi ghall-hlas tal-qbiela, anzi gie dikjarat minnu stess li hu qatt ma talab u qatt ma nghata ricevuta ghall-hlas ta' din il-qbiela. Ghalkemm huwa principju assodat illi ghalkemm il-prova*

*ta' l-ircevuta tista' titqies li tkun l-ahjar prova u l-aktar wahda li tassigura lid-debitur li jkun hallas kontra l-pretensjonijiet ingustifikati tal-kreditur, mhux eskluz li tali prova tista' ssir mod iehor, fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma ressaq ebda prova li sodisfacentement turi li jhallas qbiela lil Angelo Cauchi.*

*Il-konvenut ressaq lil martu Doris Grima bhala xhud li ddikjarat li kienet hi li kienet tmur thallas il-qbiela lill-attur Angelo Cauchi u li kienet thalli l-hlas jew ma' mart l-attur jew ma' ommu. Huwa veru li waqt is-seduta mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju fis-26 ta' Frar 2009, in kontro-ezami l-attur Angelo Cauchi ghad-domanda dina l-mara ta' Grima qatt resqet fuqek b'xi flus tal-qbiela? irrisponda Le lili le u ghad-domanda Lilek le. Fuq min allura resqet? Nghid sew il-mara tieghek? irrisponda Fuq il-mara tieghi li issa ilha 4 snin mejta, izda b'daqshekk ma jistax jinghad illi hemm prova tal-hlas tal-qbiela jew addirittura, kif pretiz mill-konvenut fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, ammissjoni da parte ta' l-attur Angelo Cauchi li kien jircievi tali qbiela. Ghalkemm il-mara tal-konvenut setghet resqet fuq mart l-attur biex toffrilha hlas, dan ma jfissirx li dak il-hlas kien gie accettat!*

*Il-konvenut ressaq diversi xhieda ohra – bhal ad ezempju Charles Ciantar u Gino Borg – biex jissosstanzja l-pretensjoni tieghu li ghandu titolu ta' qbiela fuq ir-raba' in kontestazzjoni. Ghalkemm it-tnejn li huma ddikjaraw li iz-zewgt itmiem raba' in kontestazzjoni jinsabu ghand il-konvenut bi qbiela, jirrizulta li Charles Ciantar dan kien jafu ghax qallu hekk l-istess konvenut u li ghalkemm Gino Borg kien jara Lm2.25 lesti id-dar tal-konvenut ma kkonfermax li qatt ra dawn il-flus jinghataw lill-attur Angelo Cauchi jew lil xi hadd mill-familja tieghu.*

*Apparte l-fatt li l-hlas tal-qbiela lill-attur Angelo Cauchi ma giex sodisfacentement ippruvat, hemm diversi inkonsistenzi fix-xhieda tal-konvenut li jkomplu jpoggu fid-dubju l-veracità ta' dak minnu affermat.*

*Mix-xhieda tal-konvenut kemm f'dawn il-proceduri kif ukoll fil-proceduri bin-Numru tac-Citazzjoni 942/03 jirrizulta li*

*f'illi jghid li r-raba' ittiehed bi qbiela minghand il-Kurja u hu jhallas sehemu minn din il-qbiela lil Angelo Cauchi - Ili fil-pussess ta' din l-ghalqa mill-1962. Dak iz-zmien kien sabni l-attur Anglu Cauchi u kien qalli illi kien jaf lil xi hadd li kellu bicctejn raba' illi ghalih kienu wisq, u offra li naqsmuhom. Il-persuna l-ohra kienet Felic Micallef, li kellu r-raba' qabel. Felic kien fir-raba' bi qbiela u jhallas il-qbiela lill-Kurja, li kienet il-proprjetarja ta' l-art. Ghalhekk jiena u l-attur Anglu Cauchi morna fl-ufficini tal-Kattidral ta' San Gwann sabiex l-artijiet jigu registrati f'idejna. Il-Qassis illi kien fl-ufficcju, li minghalija kien jismu Dun Guzepp, qalilna liema porzjonijiet kienu ser jigu allokati lil min. Izda l-attur qallu illi din ma kienetx importanti peress illi stajna nirrangaw bejnietna u fil-fatt hekk ghamilna. Morna fuq il-post, tellajna x-xorti u l-attur ghazel porzjon, imbaghad jiena hadt l-iehor - u f'illi jghid li l-ewwel ricevuta tal-hlas kien harigielu Felic Micallef fl-1962, il-gabilott ghand min kienet tinsab ir-raba' - ili nahdem bi qbiela raba' fl-inhawi tal-Mosta maghrufa bhala taz-Zokrija ghal dawn l-ahhar 42 sena. Fil-fatt l-ewwel ricevuta li giet rilaxxjata lili kienet fil-15 ta' Awissu 1962 minn Felic Micallef, illum mejjet. F'dik ir-ricevuta Felic Micallef kien bi zball indikani bhala Carmelo Zarb flok Carmelo Grima. Felic Micallef kien minn naha tieghu jikri mill-Kurja. Fir-rigward ta' din l-ircevuta imbaghad jghid illi l-hlas fiha indikat inghata lil Felic Micallef mhux bhala qbiela ghar-raba' izda bhala rigal ghall-fatt li hareg minn din ir-raba' u li l-allegat zball f'kunjomu nduna bih biss fil-mori tal-proceduri giudizzjarju ma' Angelo Cauchi ghalkemm ir-ricevuta kienet ilha li nharget mill-1962!*

*Il-konvenut jghid ukoll li huwa jhallas lill-attur Angelo Cauchi s-somma ta' Lm2.25 li hija nofs l-ammont tal-qbiela*
*li huwa jhallas lill-Kurja, illum lill-Ufficcju Kongunt, izda mir-ricevuti esebiti mill-attur Angelo Cauchi a fol. 39 sa' 59 tal-process, mid-dokumenti esebiti mir-Reverendu Dun Guzepp Zammit a fol. 66 u 67 tal-process u mix-xhieda li ta l-istess Reverendu Zammit fil-proceduri bin-Numru tac-Citazzjoni 942/0334, jirrizulta li l-qbiela ghar-raba' "Taz-Zokrija" hija ta' Lm4.00! Fattur iehor li jkompli jpoggi fid-dubju dak affermat mill-konvenut huwa l-fatt li skond ir-*

*records tal-Kurja Felic Micallef irrilaxxja l-art "Taz-Zokrija" favur terzi fl-1966 u mhux fl-1962 kif pretiz mill-konvenut, u din l-art giet minnu rilaxxjata favur l-attur Anglu Cauchi u certa Giuseppa Grima, fejn din ta' l-ahhar fl-1975 irrilaxxjat il-parti taghha li certa Josephine Muscat ta' 313, Constitution Street, Mosta. Il-konvenut ma jirrizulta imkien: la f'dawn it-trasferimenti u lanqas fir-records u files tal-Kurja u ta' l-Ufficcju Kongunt.*

*Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-konvenut ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li ghandu titolu ta' qbiela fuq iz-zewgt itmiem raba' mertu tal-kontestazzjoni. Lanqas ma gie ppruvat li huwa ghandu xi forma ta' titolu iehor fuq din ir-raba' bis-sahha ta' liema jista' b'success jikkontesta t-talba attrici. Ghalkemm waqt is-seduta tas-24 ta' Jannar 2007 il-konvenut ipprezenta dokument datat 16 ta' Mejju 200637 li jidher li nhareg mid-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjetà bhala certifikat li jirrikonoxxi favur il-konvenut titolu prekarju fuq ir-raba' in kontestazzjoni, dan id-dokument ma jistax ikun ta' beneficcju ghall-konvenut ghaliex: (a) fl-ewwel lok il-prekarju fih innifsu ma huwiex vera u proprju titolu ghaliex il-koncessjonarju ghandu jirrestitwixxi l-haga lill-koncedenti malli jigi miltub; u (b) ir-rikonoxximent fi kwalunkwe kaz japplika biss kemm-il darba ma hemm ebda persuna ohra li ghandha dritt skond il-ligi fuq l-art li applika ghaliha u b'din is-sentenza qed jigi appuntu determinat li l-attur Angelo Cauchi u huwa biss ghandu titolu ta' qbiela fuq ir-raba' in kontestazzjoni.*

*Ghalhekk it-tieni, tielet u raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ghandhom jigu michuda.*

*Jonqos issa li tigi trattata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u cioè in-nuqqas ta' interess guridiku ta' l-attur*
*Mario Cauchi.*

*Huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li l-interess mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu u kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjn jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-*

*detentur jew li lilu jkun misthoqq. L-interess guridiku f'attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u li, fih innifsu, johloq il-htiega tal-vertenza. Ghalhekk, dan igib mieghu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa nteress guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew li tigi msewwija ingustizzja maghmula fil-konfront taghha. Illi jizdied jinghad ukoll li ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' attwalità ta' l-interess li biex azzjoni tista' ssehh u titqies imsejsa b'interess kif imiss, trid tkun kapaci li tipproduci rizultat vantagguz jew utli ghal min jipproponiha u li dak ir-rizultat jista' jigi utilizzat. Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalità ta' l-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha ta' l-azzoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos (jintemm) il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kaz –* ***Anna Attard et v. Reverendu Patri Serafin Abela noe et, Citaz. 2538/00*** *deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001.*

*F'materja ta' lokazzjoni huwa principju stabbilit illi l-azzjoni diretta ghall-izgumbrament ta' persuna li tkun qed tokkupa bla titolu validu fond jew raba' mikrija, jipsetta lill-inkwilin. Dan il-principju jinsab konfermat f'diversi sentenzi fosthom* ***Antonio Catania v. Rinaldo Zahra****, Appell deciz fl-20 ta' Frar 1953, fejn inghad illi min jakkwista l-inkwilinat ta' fond [jew ta' raba'] ghandu azzjoni diretta biex jizgombra lil min ikun qed jokkupa dak il-fond bla titolu, u fis-sentenza* ***Patri Gulju Bonnici noe v. Raymond Mifsud et, Appell Civili 633/92*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003.*

*Fil-kaz in ezami mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-attur Mario Cauchi, li jigi iben Angelo Cauchi, ghandu titolu ta' qbiela – direttament minghand is-sid jew trasferit fuqu minghand missieru – fuq ir-raba' "Taz-Zokrija". L-inkwilin ta' din ir-raba' huwa l-attur Angelo Cauchi u Angelo Cauchi biss, u ghalhekk l-azzjoni diretta izgumbrament tal-konvenut tispetta lilu, u lilu biss. Ma tressqet ebda prova li turi li ghad li ma huwiex inkwilin tar-raba' in kontestazzjoni l-attur Mario Cauchi ghandu interess*

*guridiku fl-azzjoni odjerna, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi milqugha.*

*Dana l-fatt però ma jannullax l-effetti ta' l-azzjoni kif istitwita fil-konfront tal-konvenut mill-attur Angelo Cauchi ghaliex kif inghad fil-precitata sentenza* ***Attard et v. Abela noe et*** *fejn hemm izjed minn attur wiehed, bhal fil-kaz prezenti, il-kwistjoni ta' jekk l-atturi kollha ghandhomx ikollhom l-istess interess tiehu xejra partikolari fil-ligi taghna. Hjiel ta' dan jidher fl-artikolu 161(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn dan l-artikolu jidher car li m'huwiex mehteg li l-interess ta' kull attur ikun l-istess, ghaliex l-elementi msemmija aktar 'il fuq biex isejsu l-interess ghalkemm japplikaw f'kull kaz, ma jikkomportawx fihom l-identità bhala rekwizit ghall-validità ta' l-azzjoni … jekk ghal xi raguni, xi wiehed mill-atturi tonqos fih il-kwalità ta' parti interessata waqt il-proceduri jew jitlef l-interess, din ic-cirkostanza tolqot lilu biss u mhux ukoll is-siwi ta' l-azzjoni mibdija minnu ma' ohrajn. Hekk illi, finalment, it-tnehhija ta' dak l-attur mill-atti fuq nuqqas ta' interess tirriduci ruhha ghal kwestjoni marginali ta' qsim ta' spejjez fil-konfront tal-atturi l-ohrjan u l-parti mharrka, izda mhux ixxejjen l-azzjoni.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad it-tielet eccezzjoni tal konvenut u tiddikjara li ghandha l-kompetenza necessarja biex tittratta u tiddeciedi l-materja migjuba quddiemha, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li l-attur Mario Cauchi ma ghandux interess guridiku fl-azzjoni odjern, tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut in kwantu fic-cirkostanzi tal-kaz l-Avviz promoter huwa guridikament korrett, u fil-mertu tichad ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talba attrici kif dedotta mill-attur Angelo Cauchi u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza jizgombra mir-raba' tal-kejl ta' cirka ta' zewgt itmiem maghruf bhala "Taz-Zokrija" fil-limiti tal-Mosta, minnu okkupata bla titolu validu fil-Ligi.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut".*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Grima datat 16 ta' Mejju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu laqghat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tirrevokaha in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet l-ohra kollha u tilqa' l-istess. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-atturi datata 27 ta' Mejju 2011 a fol 9 tal-process fejn sostnew ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Charmaine Galea ghall-appellanti prezenti. L-appellati u d-difensur taghhom Dr Edward Gatt meta msejha diversi drabi ma dehrux. Dr Galea trattat l-appell. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-30 ta' Ottubru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 28 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li gie deciz hazin li l-appellanti ma ghandhux titolu ta' qbiela u dan ghaliex jidher li l-Ewwel Qorti rragunat li (i) ma gietx esebita l-ebda ricevuta ta' qbiela; (ii) ma hemm l-ebda prova ta' hlas tal-istess qbiela; (iii) kien hemm inkonsistenza fix-

xhieda tal-esponenti peress li fil-kawza Citaz. Numru 942/03 kien qal li kien ilu fil-pussess tal-istess raba’ mill-1962 u skond ir-recorda tal-Kurja Felic Micallef kien irrilaxxa l-istess raba’ fil-1996; (iv) l-appellant jghid li hallas nofs il-qbiela Lm2.25 meta fil-fatt il-qbiela kienet ta’ Lm4. Dan ghaliex skont huwa ghal kull punt ghandu l-ispjegazzjoni tieghu tant li dwar (i) huwa sostna li huwa qatt ma talab ricevuta ta’ kera; dwar (ii) qal giet esebita ricevuta wahda favur tieghu izda bi zball minflok gie indikat bhala Carmelo Grima gie indikat bhala Carmelo Zarb u ma hemm xejn stramb li induna b’dan waqt il-mori tal-kawza; dwar (iii) hemm prova ta’ martu li halset l-qbiela lill mart l-appellat; (iv) il-fatt li hallas izjed minn dik li kienet il-parti tieghu tal-qbiela ma jfissirx li ma hallasx.

Illi dan ma huwa xejn izjed minn appell minn apprezzament tal-fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti u f’kazi bhal dawn huwa principju stabilit li l-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi.

Illi dwar dak li qed isostni l-appellant jidher li dawn il-punti kollha kemm huma gew trattati fis-sentenza studjata tal-Ewwel Qorti, li mmotivat id-decizjoni taghha dwar kull punt li hija ddecidiet dwarhu; jidher ukoll li hija hadhet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula mill-appellanti quddiemha, li huma simili, jekk mhux identici, ghal dawk sottomessi quddiem din il-Qorti, u skartathom ghaliex ma tatx affidament lill-appellanti izda mhux biss ghaliex dan kien ibbazat fuq l-inkonsistenzi li kien hemm fix-xhieda tieghu stess u wkoll mill-provi li rrizultaw waqt il-kawza b’dan li rrendew l-istess xhieda tieghu nkredibbli u fil-verita’ fl-ahjar ipotesi mhux verosimili, u lanqas ippruvati, b’dan li jista’ jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut ma ssodisfax l-oneru tieghu fil-grad rikjest mill-ligi li jipprova t-titolu li huwa kien qed ivvanta.

Illi dwar il-punti li l-appellant ghogbu jelenka bhala li l-istess Qorti qaghdet fuqhom sabiex iddecidiet li l-konvenut ma ppruvax li ghandhu titolu hemm l-punti indikati bhala (i) sa (iv) f'din id-decizjoni, ovvjament indikati mir-rikors tal-appell, u din il-Qorti dwar l-istess tghid li huwa inverosimili li persuna li tghid li ghandha qbiela fuq bicca art ma tinsistiex li tiehu ricevuta tal-qbiela, bhala prova ta' dak li hija qed tghid li halset ghall dawk is-snin kollha; di piu prova ta' tali hlas ma ingabet bl-ebda mod u x-xhieda ta' mart l-appellanti lanqas hija fiha nfisha prova ta' hlas ta' l-istess qbiela; din il-Qorti thoss li hija stramba kif mart l-appellant ma jidhirx li skond l-appellant qatt dahlet f'xejn fir-relazzjoni li zewgha allegatament kellhu ma Angelo Cauchi, biex mbaghad qed jghid li martu marret thallas il-qbiela lill-mart l-appellat Angelo Cauchi. Din il-Qorti ma thoss li tali versjoni hija verosimili u wisq inqas kredibbli, izjed u izjed meta wara dan iz-zmien kollu l-istess appellant, li dejjem qed jinsisti li hallas, pero' mhux car lanqas ghal liema perjodu huwa effettivament hallas, qatt ma nsista li jinghata ricevuta ta' dak li qed jghid li hallas, u lanqas qatt ma ghamel interpellazzjoni dwar dan.

Illi dwar it-tieni punt jirrizulta li effettivament ma hemm ebda prova li l-istess konvenut hallas il-qbiela u dan kemm minhabba dak li inghad fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti kif ukoll dak li qed jinghad f'din is-sentenza; dwar it-tielet punt l-inkonsistenzi fix-xhieda tal-appellanti huma reali u ppruvati u ma jistghux jigu skartati u certament li dawn gew indikati sew mill-Ewwel Qorti, li fuq il-bazi tax-xhieda u provi processwali, setghet tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha, b'dan li jidher li hija uzat sew id-diskrezzjoni taghha fil-parametri tal-atti processwali, u dan b'sentenza ben motivata, li hija ezempju car ta' kif ghandha tkun decizjoni motivata sew skond il-Ligi, li turi li hadet konjizzjoni u zviluppat dak sottomess lilha u quddiemha mill-partijiet kemm mill-att fattwali u kemm mill-lat legali. Dwar dan din il-Qorti thoss li ftit ghandha xi tghid hlief li hija

taqbel perfettament ma' dak deciz, u jghid x'jghid l-appellant f'dan il-kaz, il-fatti kif elenkati fid-decizjoni jibqghu jikkontradixxu t-tezi tal-appellant.

Illi l-istess jinghad dwar il-punt (iv) li jkompli jrendi l-versjoni tal-appellant iktar inkredibbli ghaliex qed jinsisti li kien ihallas il-kera u din kienet tikkonsisti fin-nofs ta' dak li kien ihallas Angelo Cauchi, meta jidher li lanqas kien jaf kemm fil-fatt kienet il-qbiela li kien ihallas l-istess Angelo Cauchi. Meta rinfaccjat b'dan kollu tibqa' tinsisti fuq l-allegazzjoni tieghu u tippersisti fuq l-istess, ma hemmx x'wiehed xi jghid izjed, ghaliex allura jkun ifisser li persuna ma tkunx trid taccetta dak li jirrizulta bhala fatt. Pero' dan ma ghandhu jigi uzat qatt sabiex tigi attakata decizjoni ben motivata, u lanqas ifisser li b'hekk il-versjoni tal-appellant saret b'xi mod iktar kredibbli, ghaliex fil-verita' tenut kont taz-zmien li l-appellant kien qed jokkupa l-istess raba' kien dejjem fl-interess tieghu li jekk huwa qed isostni li qed ihallas il-qbiela, u dan ghall zmien konsiderevoli, huwa jkollu prova dwar dan u mhux xejn. Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-appell kif impost u prezentat huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u qed jigi rigettat.

## <u>III.   KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 27 ta' Mejju 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Carmelo Grima fir-rikors tal-appell tieghu datat 16 ta' Mejju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn premessi u ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Angelo Cauchi et vs Carmelo Grima" (Avviz Numru 374/05VG) datata 28 ta' April 2011 b'dan li t-terminu ta' xahar moghti mill-Ewwel Qorti lill-appellanti/konvenut sabiex jizgombra mir-raba' ta' cirka zewgt itmiem maghrufa bhala "Taz-Zokrija" fil-limiti tal-Mosta, jibda' jghaddi mid-data ta' din is-sentenza.**

**Bl-ispejjez kollha ghall-appellanti Carmelo Grima.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------